Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Georg Farrugia & Francesca Said

Vs

Ddoor Company

CCT 252/24/MM

Illum, 8 ta' April 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fil-5 ta' Diċembru 2024 fejn talbu kumpens jew rimedju f'ammont mhux identifikat, wara li xtraw tlett (3) bibien interni li bdew jitqaxxru u li kienu ta' kwalita inferjuri minn dak ordnati minnhom.

Ra illi minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet debitament notifikata hija ma ppreżentat l-ebda risposta.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' ritratti tal-bibien.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

It-Tribunal jinnota li l-intimat ma ppreżentax risposta u għalhekk huwa kontumaċi. Illi fuq tema legali, l-Qorti tal-Appell Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance**, deċiża fid-29 ta' Jannar 2005 ingħad *"L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba da parti tal-attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa għall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi*

billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Maż-żmien il-qrati Maltin iddeċidew li r-rigorozita` tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għall-ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Di fatti l-ġurisprudenza interpretattiva stabbiliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Market Handle Limited (C-49546) vs. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C – 17421); Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar 2012, ingħad li *"Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali".* (Ara wkoll App. Ċiv: 12.12.1975 fil-kawża fl-imsijiet **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**; u l-kawża fl-ismijiet **Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Beacom vs Spiteri Staines** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993 (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195) ingħad *"Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi*

disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha. (Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet **Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2011).

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent spjegaw li huwa ordnaw tlett bibien mingħand is-soċjeta' intimata u wara li tlesta x-xogħol u twaħħlu fuq il-post irriżulta li l-bibien kienu difettużi billi bdew jitqaxxru stante li l-materjal tant kien inferjuri. Illi r-rikorrenti waħħlu ftit tape mill-isfar mad-dawra biex ikunu jistaw jiżbaw, u meta marru biex jaqalaw it-tape, inqalat ukoll iż-żebgħa miegħu. Illi anki meta waqa' ftit qtar tal-kisi u marru biex jimsħuħ, iż-żebgħa nqalat ukoll. Illi r-rikorrenti ħallsu s-somma ta' elfejn ewro għall-dawn it-tlett (3) bibien.

Is-soċjeta intimata m ppreżentat l-ebda risposta u għalhekk hija kontumaċi iżda fit-trattazzjoni hija tiddebita l-ħsara għat-traskuraġni tal-istess rikorrenti għax kellhom jużaw tape mill-blu kif inhi l-prassi fl-industirja u mhux tape mill-isfar.

Ikkunsidra

Illi dwar ir-responsabbilta` ta' fornitur ta' bibien dan it-Tribunal jirreferi għall-każ ta' **Spiteri vs Associated Supplies Ltd** ta' l-20 ta'Ottubru 2003 (Qorti ta' l-Appell *sede* Inferjuri) fejn il-Qorti qalet li: *"... l-venditur irid mhux biss jiggwida lill-kompratur potenzjali biex ippogieh f'pozizzjoni li jeffettwa l-ghazla informata li hi l-aktar idonea ghalih, izda li dejjem jagixxi in buona fede fil-konfront tieghu u ma jindirizzahx lejn decizjonijiet li jistghu b'xi mod ikunu ta' pregudizzju ghalih u minghajr ma l-kompratur potenzjali jkun qed jara tali pregudizzju."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Proinvest Limited vs Giljan Agius** (Appell 8 ta' Jannar 2010) intqal: "*hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm il-darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avoja jkun hemm l-approvazzjoni ta-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-*

ispecifikazzjonijiet jew struzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz."

Illi l-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Muscat vs Cuschieri** deċiża fis-26 ta' Mejju 2006 qalet: *"min jidhol biex jesegwixxi apalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza".*

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe' dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia"**, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi meta wieħed jixtri ħaġa, għandu dritt li din il-ħaġa ma tkunx difettuzż, u li tkun tal-kwalita` pattwita. Fil-kaz in ezami, hemm difett konsiderevoli viżibbli. Illi t-Tribunal ma jaċċettax bħala raġonevoli l-ispjegazzjoni tas-soċjeta' intimata li ż-żebgħa nqalat għax twaħħal tape isfar flok blu. Għall-kuntrarju t-Tribunal huwa konvint li l-ħsara hija dovuta għall-kwalita' fqira fil-materjal tal-bibien. Fil-fatt, anki fejn ma twaħħalx tape iżda sempliċiment intmesaħ mit-titjir tal-kisi, hemm ukoll jirriżulta li ż-żebgħa tqaxxret u dan ixejjen l-argument tas-soċjeta' intimata li l-ħsara hija attribwita għan-negligenza tar-rikorrenti.

Decide

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jillikwida ammont *arbitro bon viri* u qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens *arbitrio boni viri* fis-somma ta' tmien mitt ewro (€800) u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont hekk likwidat fi żmien ġimgħa mill-llum.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza jitbaghtew mis-soċjeta' intimata.

Avv. Dr Martha Mifsud
Arbitru